MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Numru. 478/2000

Il-Pulizija
(Spettur David Galea)
vs
Nicholas Farrugia

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Nicholas Farrugia, iben Carmel u Josephine nee Scicluna, imwieled fil-21 ta’ Mejju, 1959, u detentur tal-karta tal-identita numru 348759M, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fit-13 ta’ April, 2000 ghall-habta tat-8.00p.m. fic-China Fish House sitwat f’Triq il-Hallel, Bugibba, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, u cioe’ mwejjed, siggijiet, tazzi ecc, liema hsara teccedi l-LM50 izda inqas minn LM500 ghad-dannu ta’ Mr. Joseph Vella, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 325 (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-lejl kisser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338 (m) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghad illi kien xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen, liema kliem jew espressjonijiet kien jikkonsisti f'dagha u dan bi ksur ta' l-Artikoli 338 (bb) u 342 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi minghajr ma dorob jew sawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddabhom, jew qabad armi ohra kontra Shuhua Zheng u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339 (1) (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess data ghall-habta ta' 10.00p.m. quddiem l-Ghassa tal-Qawra sawwat lil Shujun Zheng u ikkagunalu offiza hafifa skond kif iccertifika Dr. T. Pillow MD u dan bi ksur ta' l-Artikolu 226 (1) (c) tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta' Malta;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra Shujun Sheng sabiex jingurjah, iddejqu jew jaghmillu l-hsara u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1) (d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded lil Shujun Zheng u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339 (1) (e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Shuhua Zheng u Shujun Sheng u sabiex tinzamm il-bon ordni pubblika billi flimkien jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat torbot lill-istess Nicholas Farrugia taht garanzija tieghu innifsu taht penali ta' flus u ghal zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Semghet lill-imputat debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dan waqt is-seduta tat-3 ta’ Ottubru, 2002.

Taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat fuq imsemmi ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu tiddikjara lill-istess imputat hati ta’ dawn l-imputazzjonijiet u dan wara illi l-Qorti rat l-Artikolu 325(b), 338(m), 338(b)(d), 342, 339(1)(b), 221(1), 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena l-fatt illi l-imputat fuq imsemmi irregistra ammissjoni, kif ukoll il-fatt illi skond kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Ottubru ta’ din is-sena l-imputat lahaq ftehim illi jhallas is-somma ta’ mija u hamsin lira lil Joseph Vella u Zoya Zheng u dana bi ftehim maghhom, flimkien ukoll mal-Avukat illi qieghed jidher ghalihom f’dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant il-Qorti tara illi piena karcerarja mhix idoneja ghall-akkadut u li jkun ferm aktar ghaqli illi l-imputat jinghata l-ahhar opportunita sabiex jirriforma ruhu u jaqbad it-triq it-tajba u dana jkun ta’ beneficcju kemm ghalih u kif ukoll tas-socjeta’ in generali u ghalhekk wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28 A tal-Kap. 9 tikkundana lill-imputat fuq imsemmi, misjub hati kif diga intqal, ghal prigunerija ta’ sena, liema prigunerija ma tigiex fis sehh jekk f’perjodu ta’ tmintax il-xahar mil-lum l-imputat ma jaghmel l-ebda reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija matul dan il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza sospiza.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28 H tal-Kap. 9 u tordna lill-hati sabiex fi zmien sitt xhur mil-lum jirrestitwixxi s-somma ta' mija u hamsin lira (LM150) lil Joseph Vella u lil Zoya Zheng.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk huwa jonqos illi jottempera ruhu ma din l-ordni.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 338 tal-Kap. 9 u torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' multa ta' mitt lira (LM100) ghall-perjodu ta' tnax il-xahar mil-lum milli b'xi mod jimmolesta aktar lil Shuhua Zheng u Shujun Zheng.

--------------------------------TMIEM--------------------------------